## Titli tal-*coursework* tal-Istudji Ambjentali taċ-ĊES 2020-2022

**Investigazzjoni dwar il-konservazzjoni tal-ilma fid-dar.**
Il-kandidat/a għandu/ha j/tinforma ruħu/ruħha dwar il-problemi assoċjati mad-disponibiltà u l-produzzjoni tal-ilma f'Malta kif ukoll j/tiddiskuti miżura waħda jew aktar dwar il-konservazzjoni tal-ilma fid-dar li hu/hi u l-familja jistgħu jimplimentaw biex jgħinu jnaqqsu l-problema. Il-proġett għandu jkollu kemm riċerka primarja kif ukoll sekondarja. Il-metodoloġija għandha tinkludi stħarriġ.

**L-importanza tar-riservi naturali Maltin fil-preservazzjoni tal-ġeoloġija u/jew tal-bijodiversità.**
Il-kandidat/a għandu/ha j/tagħżel riserva naturali WAĦDA u j/tiddiskuti l-importanza tagħha għal-lokalità u b'mod aktar miftuħ, għal Malta. Il-proġett għandu jkollu kemm riċerka primarja kif ukoll sekondarja. Il-metodoloġija għandha tinkludi stħarriġ u xi tip ta' *fieldwork* (żjarat fuq is-sit, osservazzjonijiet, ġbir ta' informazzjoni bażika u analiżi bażika).

**Is-sistema tad-difiża kostali ta' Malta taħt l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann.**
Il-kandidat/a għandu/ha j/tinforma lilu/lilha nnifsu/nnifisha dwar is-sistema tad-difiża ta' Malta jew ta' Għawdex, u jingħata deskrizzjoni ġenerali tiegħu. Barra minn hekk, il-kandidat/a għandu/ha j/tiffoka fuq fortifikazzjoni (sit) WAĦDA u j/tanalizza l-arkitettura u l-użu tagħha matul iż-żmien tal-Kavallieri, u kif dawn inbidlu maż-żminijiet. Il-proġett għandu jkollu kemm riċerka primarja kif ukoll sekondarja. Il-metodoloġija għandha tinkludi mapep bażiċi tas-sit u stħarriġ u/jew intervisti man-nies lokali, mat-turisti, ma' professjonisti tal-industrija eċċ.

**L-istorja taċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi ta' San Pietru u San Pawl, il-Vitorja u l-Karnival ta' Malta.**
Il-kandidat/a għandu/ha j/tiġbor informazzjoni dwar l-istorja ta' WAĦDA minn dawn il-festi u kif ġiet iċċelebrata matul is-snin. Il-kandidat/a għandu/ha j/tinkludi: l-istorja, il-folklor, it-tradizzjonijiet u l-leġġendi; u għandhom jiġu diskussi kif kienu mifhuma fil-passat u fil-preżent min-nies lokali u barranin. Il-proġett għandu jkollu kemm riċerka primarja kif ukoll sekondarja. Il-metodoloġija għandha tinkludi stħarriġ u/jew intervisti man-nies tal-post, mat-turisti, ma' professjonisti tal-industrija, mal-esperti tal-istorja/folklor eċċ.

**Malta: L-iżvilupp f'soċjetà multikulturali.**
Il-kandidat/a għandu/ha j/tinforma lilu/lilha nnifsu/nnifisha dwar iċ-ċirkostanzi u l-kawżi li wasslu biex is-soċjetà Maltija dejjem qed issir aktar multikulturali. Barra minn hekk, il-kandidat/a għandu/ha j/tidentifika u j/tiddiskuti effett WIEĦED tal-multikulturaliżmu fuq is-soċjetà Maltija. Il-proġett għandu jkollu kemm riċerka primarja kif ukoll sekondarja. Il-metodoloġija għandha tinkludi stħarriġ u/jew intervisti man-nies lokali, mat-turisti, ma' professjonisti tal-industrija eċċ.

**It-Tranżizzjoni minn ċittadini Maltin għal ċittadini globali.**
Il-kandidat/a għandu/ha j/tiffoka fuq kif iż-żgħażagħ tal-lum qed imorru lil hinn mill-konfini tal-gżejjer Maltin, bis-saħħa tat-teknoloġija u l-globalizzazzjoni. Il-kandidat/a għandu/ha j/tiffoka fuq kif iż-żgħażagħ Maltin qed jinbidlu minn ċittadini lokali għal dawk globali, u janalizzaw il-konsegwenzi ta' dan il-fenomenu. Il-proġett għandu jkollu kemm riċerka primarja kif ukoll sekondarja. Il-metodoloġija għandha tinkludi stħarriġ u/jew intervisti man-nies lokali, ma' barranin, ma' professjonisti tal-industrija eċċ.